

22000D0921(13)

L 237/76

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.9.2000

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 60/2000

tat-28 ta' Ġunju 2000

li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Anness XIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 112/98 tas-27 ta' Novembru 1998 ⁽¹⁾.
- (2) ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill 1999/K 222/01 tad-19 ta' Lulju 1999 dwar is-sitwazzjoni ta' dewmien fit-traffiku ta' l-ajru fl-Ewropa ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 90 (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE) fl-Anness XIII għall-Ftehim:

- "91. **399 Y 0804(01)**: Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill 1999/K 222/01 tad-19 ta' Lulju 1999 dwar is-sitwazzjoni ta' dewmien fit-traffiku ta' l-ajru fl-Ewropa (ĠU C 222, ta' l-4.8.1999, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Risoluzzjoni tal-Kunsill 1999/K 222/01 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-29 ta' Ġunju 2000, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2000.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

⁽¹⁾ ĠU L 277, tat-28.10.1999, p. 49.

⁽²⁾ ĠU C 222, ta' l-4.8.1999, p. 1.

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.